# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## SEDUTA NRU 308b – Il-Ħamis l-1 t'Ottubru, 2015

## AĠENDA

1. Talba
2. Mozzjoni dwar sejħa għal espressjoni ta' interess dwar il-bini ta' *track* u faċilitajiet oħra għat-tlielaq tal-karozzi

## MINUTI

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fiL-5.30 p.m. Ippresieda s-Sindku Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi Sindku Dr Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier is-sur Julian Borg
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier is-sur Clayton Cutajar
Il-Kunsilliera is-sinj. Gillian Farrugia Pace
Il-Kunsillier Dominic Grech

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1 Mozzjoni dwar sejħa għal espressjon ta' interess dwar il-bini ta' *track* u faċilitajiet oħra għat-tlielaq tal-karrozzi.

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 303 ikunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Is-Sindku ressaq mozzjoni, sekondata mill-Viċi Sindku, u mill-Kunsilliera Julian Borg u Gillian Farrugia Pace, li taqra:

"Billi nhar id-29 ta' Settembru 2015 il-Gvern ippubblika sejħa għal espressjoni ta' interess dwar il-bini ta' *track* u faċilitajiet oħra għat-tlielaq tal-karozzi;

"U billi diġà ġie rrapurtat diversi drabi u b'mod insistenti fil-mezzi tax-xandir, li wieħed mis-siti li ser jiġu proposti minn dawk interessati huwa dak magħruf bħala ta' San Niklaw fis-Siġġiewi viċin id-Dar tal-Providenza;

"U billi huwa maħsub li l-imsemmi proġett jitwettaq fuq sit ta' madwar 80 ettaru ta' art li tinsab 'il barra miz-zona tal-iżvilupp (ODZ) u ċjoè 800,000 metru kwadru jew aħjar 712-il tomna, kważi d-daqs taz-zona urbana kollha tas-Siġġiewi;

"U billi t-twettieq ta' proġett bħal dan ser ikollu impatt negattiv qawwi fuq ir-residenti tas-Siġġiewi u fuq id-Dar tal-Providenza, ir-residenti u l-ħaddiema tagħha, iwassal għall-qerda ta' ammont enormi ta' art agrikola li qed tinħadem minn għexieren ta' bdiewa u familji ħafna minnhom mis-Siġġiewi u ser jagħmel ħsara irreparabbli lis-Siġġiewi u lill-kwalità ta' ħajja fil-lokalità;

"U billi l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jqis u jemmen li l-imsemmi proġett jmur kontra l-interessi tal-lokalità tas-Siġġiewi u għalhekk jemmen li l-ħidma kontra dan il-proġett għandha tkun lil hinn mill-politika u wisq aktar lil hinn mill-politika partiġġjana;

"Għaldaqstant il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi mlaqqa' llum il-Ħamis 1 ta' Ottubru 2015:

1. Jirriżolvi li jistqarr ruħu kontra li fil-konfini tal-lokalità tas-Siġġiewi u b'mod partikolari fiz-zona magħrufa bħala ta' San Niklaw li tinsab viċin id-Dar tal-Providenza, tintuża xi art pubblika jew privata sabiex tinbena *track* u faċilitajiet oħra għat-tlielaq tal-karozzi;
2. Jirriżolvi li jsejjaħ lill-Gvern kif ukoll lil dawk kollha li ser jippreżentaw il-proposti tagħhom skont is-sejħa għal espressjoni ta' interess li ġiet ippubblikata mill-Gvern nhar id-29 ta' Settembru 2015, sabiex ma jipproponu, jikkunsidraw jew jaċċettaw l-ebda sit li jinsab fil-konfini tal-lokalità tas-Siġġiewi u b'mod partikolari fiz-zona magħrufa bħala ta' San Niklaw li tinsab viċin id-Dar tal-Providenza;
3. Jirriżolvi li jitlob u jħeġġeġ lill-Gvern jagħmel pubbliċi d-dokumenti kollha li jiffurmaw parti mis-sejħa għall-espressjoni ta' interess u dan bil-għan li jkun jista' jsir skrutinju sħiħ tagħhom; u
4. Jirriżolvi li jieħu dawk il-miżuri kollha meħtieġa sabiex isegwi mill-qrib l-imsemmija sejħa għall-espressjoni ta' interess u jagħmel dawk ir-rappreżentazzjonijiet li jkunu

meħtieġa skont dak stabbilit permezz ta' din il-mozzjoni.

"Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għandha tintbagħat lill-Prim Ministru – l-Onor. Dott. Joseph Muscat, lis-Segretarju Parlamentari għall-Isport – l-Onor. Chris Agius, lid-Direttur tad-Dar tal-Providenza – Fr Martin Micallef, liċ-*Chairman* tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar – Il-Perit Vincent Cassar u tiġi ppubblikata bħala stqarrija għall-mezzi tax-xandir."

Is-Sindku qal li din il-mozzjoni tirrifletti dak li kien diskuss fil-laqgħa tal-ġurnata ta' qabel.

Il-Kunsillier Clayton Cutajar qal li hu kien għadu jżomm l-istess pożizzjoni tal-lbieraħ u ċjoè li jkun prematur li l-Kunsill jieħu pożiżżjoni fuq *assumption.*

Il-Kunsillier Dominic Grech qal li jaqbel mal-pożizzjoni tal-Kunsillier Clayton Cutajar filwaqt li ġibed l-attenzjoni għall-fatt li l-proposta li ssir track għat-tlielaq tal-karozzi kienet fil-programm elettorali tal-Partit Laburista.

Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jgħaddi għall-vot dwar il-mozzjoni ġaladarba kulħadd kien stqarr u spjega l-pożizzjoni tiegħu.

Voti Favur: Dr Karol Aquilina, Dr Alessia Psaila Zammit, il-Kunsilliera Julian Borg u Gillian Farrugia Pace (4).

Voti kontra: Il-Kunsilliera Nicholas Cassar, Clayton Cutajar u Dominic Grech.

Il-mozzjoni ġiet approvata.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fit-6.15pm u ippropona li s-seduta li jmiss bin-numru 309 titlaqqa' **it-Tlieta 20 t'Ottubru fis-7.00pm.** Il-Kunsill unanimament aċċetta.

**L-Avukat Dr Karol Aquilina**
**Sindku**

**Is-Sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum it-Tlieta 20 t'Ottubru, 2015**